MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 2623/1998/1

**Maltacom p. l. c.**

**Vs**

**Charles Darmanin & Co. Limited;**
**U b' digriet tal-5 ta' Novembru 1999, gie kjamat fil-kawza Gerald Camilleri.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-15 ta' Dicembru 1998 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' *telephone* bejn il-partijiet is-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elf mitejn u sebgha u tletin lira Maltija u sitta u ghoxrin

centezmu (Lm1237.26,0) dovuti in konessjoni mas-servizz u l-uzu tat-*telephone* numru 491589 (gja 620201);

Premess illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u *telephone calls* maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat anness ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok. “A”;

Premess illi is-socjeta` attrici sejhet diversi drabi lis-socjeta` konvenuta sabiex thallasha l-ammont imsemmi izda din baqghet inadempjenti;

Premess illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u s-socjeta` konvenuta m' ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u s-socjeta` attrici qeghda tannetti ma' l-att tac-citazzjoni Affidavit (Dok. “B”) ghall-iskop ta' l-istess artikoli imsemmija;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smiegh ghat-tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' elf mitejn sebgha u tletin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1237.26,0) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-*telephone* numru 491589 (gja 620201) skond il-prospett esebit bhala Dok. “A” ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tas-16 ta' Mejju 1997 u tas-6 ta' Gunju 1997, il-Mandat ta' Sekwestru numru  u l-Mandat ta' Qbid numru ; u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-ewwel ittra ufficjali – kollha kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tad-9 ta' Frar 1999 li permezz tieghu s-socjeta` konvenuta giet awtorizzata tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha fi zmien ghoxrin gurnata;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fis-26 ta' Frar 1999 li permezz taghha hija eccepiet:

1. Illi t-talbiet kollha attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta` attrici, u dana stante l-fatt li s-socjeta` konvenuta m' hijiex responsabbli ghall-ammont mitlub billi ma kinitx baqghet tokkupa l-fond “St. Michael”, Triq ic-Cawsli, Qormi fejn kien installat is-servizz tat-telefon in kwistjoni u ma baqghetx taghmel uzu mill-istess – u dan kif giet debitament mgharrfa l-istess socjeta` attrici bil-miktub mis-socjeta` konvenuta fil-mument propizju;

2. Illi di fatti s-socjeta` konvenuta baghtet l-ahhar hlas lis-socjeta` attrici bhala “*in full and final settlement*” u dan l-istess cekk kien gie debitament accettat u msarraf mill-istess socjeta` attrici minghajr l-ebda rizerva;

3. Illi jekk is-socjeta` attrici ghogobha tippermetti, fic-cirkostanzi fuq eccipiti, illi s-servizz tat-telefon jibqa' jigi uzat minn terza persuna u dana nonostante il-fatt illi dina t-terza persuna ovvjament kienet qed tonqos milli thallas d-diversi kontijiet illi nhargu mis-socjeta` attrici tul perjodu konsiderevoli u minghajr ma s-socjeta` attrici ssospendiet l-istess servizz, dan jammonta ghall-negligenza tas-socjeta` attrici u ta' dan zgur illi ma tistax tinzamm responsabbli s-socjeta` konvenuta illi lanqas biss ma kienet konsapevoli b' dak li kien qed jigri;

4. Illi s-socjeta` konvenuta ghandha ragunijiet biex tahseb illi fil-perjodu inizjali ta' wara l-avviz illi kien inghata lis-socjeta` attrici, l-ewwel kontijiet illi nhargu fil-fatt thallsu minn terza persuna u ghalhekk is—socjeta` attrici tigi illi rrikonoxxiet u rratifikat dan l-istat ta' fatt – u allura f' kull kaz is-socjeta` attrici ghandha tesebixxi prospett dettaljat li jmur lura ghaz-zmien ta' meta s-socjeta` konvenuta hallset dak l-ammont fuq imsemmi;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha;

Rat id-digriet tal-5 ta' Novembru 1999 li permezz tieghu gie kjamat fil-kawza Gerald Camilleri;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Preliminarjament, il-preskrizzjoni ta' hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-eccipjenti ma ghandu jaghti ebda ammont lis-socjeta` Maltacom plc billi:

(a) qatt ma kellu ebda relazzjoni guridika jew kontrattwali mas-socjeta` attrici dwar telefon numru 491589 gja 620201;

(b) anqas ghamel uzu minn dan it-telefon;

3. F' kull kaz, l-eccipjenti m' ghandux iwiegeb ghat-traskuragni u non-kuranza tas-socjeta` konvenuta;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kjamat fil-kawza u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-13 ta' Lulju 2001 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-affidavits ipprezentati mill-kontendenti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat in-noti pprezentati mill-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

L-isfond ta' fatt li ta lok ghal din il-kawza huwa s-segwenti:

I. Fit-2 ta' Novembru 1976 is-socjeta` konvenuta talbet permezz ta' appozita applikazzjoni (fol. 51) biex is-servizz tat-*telephone* taghha (numru 620201) jigi trasferit mill-fond taghha fil-Belt ghall-mahzen lokat lilha f' Hal Qormi;

II. Jirrizulta illi din l-applikazzjoni giet prosegwita mis-socjeta` attrici bl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet mehtiega kompletati fis-7 ta' Jannar 1977. Ara Advice Note riferibilment ghal dawn l-istess xoghlijiet esebita a fol. 117. B' rizultat ta' dan it-trasferiment in-numru tat-*telephone* inbidel ghal dak bin-numru 491589;

III. Lejn l-ahhar tas-sena 1992 is-socjeta` konvenuta tterminat il-kirja tal-mahzen f' Hal Qormi u raddet ic-cwievet lura lis-sid. Skond George Darmanin, ex-direttur tas-socjeta` konvenuta, huwa avza lis-sid Gerald Camilleri, kjamat fil-kawza, biex jiehu hsieb idawwar is-servizzi fuq ismu (fol. 99). Id-direttur l-iehor

Donald Darmanin (fol. 78) iddikjara li fil-mument tar-rilaxx tal-kirja s-socjeta` tieghu kitbet ittra datata 7 ta’ Ottubru 1992 (fol. 19) lis-socjeta` attrici fejn oltre li baghtitilha *cheque* ghal hlas tal-kont dovut minnha sa dakinhar, avzata wkoll illi l-fond fejn kien installat it-*telephone* kien issa detenut minn sidu u biex allura tiehu hsieb taggusta r-*records* taghha. Dawn iz-zewg diretturi jistqarru wkoll illi minn Ottubru 1992 sa Mejju 1997 qatt ma rcevew kont jew komunikazzjoni ohra minghand is-socjeta` attrici, u lanqas risposta ghall-ittra precitata;

IV. Jirrizulta ammess minn Donald Darmanin (fol. 129A) illi s-socjeta` tieghu ma ghamlet xejn biex is-servizz jinqaleb minn fuq isimha ghal fuq is-sid Gerald Camilleri u qatt ma talbet lis-socjeta` attrici biex tnehhi s-servizz. Hekk ukoll il-kjamat in kawza jaccetta illi huwa qatt ma mar l-Maltacom biex jitlob li s-servizz tat-*telephone de quo* jigi trasferit ghal fuqu. Ara xhieda tieghu a fol. 35;

V. Da parte taghha s-socjeta` attrici tikkontendi illi ghalkemm irceviet ic-*cheque* relattiv tal-hlas minghand is-socjeta` konvenuta, l-ittra relattiva tas-7 ta’ Ottubru 1992 ma kinitx tinsab fil-*file* taghha. Ara Affidavits ta’ Saviour Farrugia (fol. 48) u ta’ Paul Busuttil (fol. 71) ufficjali taghha fil-Claims Legal Department. Dawn l-istess xhieda pero` jsostnu wkoll illi ankorke rcevew din l-ittra huma ma kienux jaghtu konsiderazzjoni debita taghha billi l-istruzzjoni ma nghatatx fuq il-formoli preskritti tas-socjeta` attrici mahsuba fil-kaz ta’ bdil tas-*subscriber*. Dippju s-*subscriber* il-gdid kellu jiffirma ftehim mas-socjeta` attrici biex is-servizz jinqaleb fuqu;

VI. Il-hlas reklamat mis-socjeta` attrici jkopri l-perijodu bejn Gunju 1993 u Dicembru 1995 (Ara dokument a fol. 92). Jirrizulta li f’ dan il-perijodu l-fond kien lokat mis-sid lil terza kumpanija bl-isem Direct Marketing Services Limited (kopja ta’ skrittura ta’ kera esebita a fol. 27). F’ dan il-ftehim jinghad illi l-arretrati tal-kontijiet tat-*telephone* kienu a kariku tas-sid u mill-1 ta’ Gunju 1993 ‘il quddiem a kariku tas-socjeta` inkwilina;

VII. Is-sid imsejjah fil-kawza jikkonferma illi sakemm kien hemm is-socjeta` konvenuta fil-fond din hallset il-kontijiet kollha (fol. 37). Kienet is-socjeta` nkwilina gdida li ma hallsetx il-kontijiet, kompriz il-kera lilu tant li kellu jitterminalha l-lokazzjoni (Ara Affidavit tieghu a fol. 57). Fl-istess Affidavit jiddikjara li ma kienx konsapevoli ta' l-ezistenza tal-linja tat-*telephone* sa meta ha l-post lura minghand Direct Marketing Ltd. Aktar tard f' okkazzjoni ohra meta xehed (fol. 129D) jghid li hu sar jaf bit-*telephone* meta ghamel il-kuntratt ma' din l-ahhar imsemmija kumpanija f' Mejju 1993. Eppure in kontro-ezami (fol. 65) jistqarr illi bejn meta spiccat is-socjeta` konvenuta u dahlet in lokazzjoni l-kumpanija l-gdida, kien jiehu hsieb ihallashom hu l-kontijiet tat-*telephone* allavolja dawn kienu jkunu ntestati f' isem is-socjeta` konvenuta. Testwalment jikkonferma "Jien kont immur inhallas il-kontijiet allavolja ma kienux fuq ismi u kont nghid illi issa malli nikrih lil xi haddiehor iduru fuq dan ix-xi haddiehor." (fol. 66);

VIII. Jirrizulta li din l-istanza mibdija bil-procedura specjali sommarja kienet istigata mill-azzjoni ta' jatanza promossa mis-socjeta` konvenuta di fronte ghas-socjeta` attrici (Citazz. Numru 1047/98);

Posta l-kwestjoni li l-kontendenti qeghdin jikkontendu dwarha jinghad qabel xejn illi l-kwestjoni hawn involuta ma tikkoncernax strettament dwar min utilizza s-servizz tat-*telephone*. Jidher anzi li s-socjeta` attrici ma hijiex tikkontesta l-fatt illi s-socjeta` konvenuta ma baqghetx taghmel uzu minn dan is-servizz fil-perijodu li ghalih jirreferi l-kont. It-tezi taghha hi invece akkampata fuq l-ezistenza ta' rabta kontrattwali bejnha u s-socjeta` konvenuta. F' dan il-kuntest hi tistrieh fuq il-portata tad-dokumenti fuq accennati u esebiti a fol. 51 u fol. 117. Dan hekk taghmlu fl-istess hin li tirrikonoxxi wkoll fil-verbal redatt quddiem l-Assistent Gudizzjarju (fol. 110) illi, nonostante ricerka, ma rnexxilhiex tirrintraccja dokument SF2, presumibilment il-ftehim li *subscriber* jidhol fih mas-socjeta` attrici ghall-osservanza tal-kondizzjonijiet tal-provvizjon tas-servizz;

Is-socjeta` attrici tissottometti illi l-applikazzjoni u l-*works order* ossija l-Advice Note ghandhom jibbastaw biex jikkrejaw il-vinkolu kontrattwali. Ankorke dan ma kienx il-kaz, is-socjeta` konvenuta kellha xorta wahda titqies marbuta bil-ftehim originali li kien jirrigwarda s-servizz 620201 u allura din is-socjeta` kienet tenuta tosserva r-regolamenti applikabbli;

Minn naha taghha s-socjeta` konvenuta rreagiet ghal din is-sottomissjoni billi sostniet illi gjaladarba ma kienx hemm l-ebda ftehim bil-miktub u sottosrkitt minnha ma setghetx tibqa' ritenuta s-*subscriber* responsabbli ghall-hlasijiet dwar uzu ta' servizz li ma sarx minnha wara t-terminazzjoni tal-linja u sal-mument li s-servizz gie terminat. Hi wkoll taghmel rikjam ghall-istess dokumenti specifikati (fol. 51 u fol. 117) kif ukoll ghar-regolamenti biex tirrileva, mhux bla raguni, illi skond kif dikjarat fl-istess formola ta' l-applikazzjoni kif ukoll fl-Avviz Legali Numru 47/72 tat-Telephone Service Regulations, applikabbli ghall-kaz, illi:

(a) s-*service agreement* pre-ezistenti kellu jigi determinat b' effett mill-jum tar-rimozzjoni tas-servizz mill-fond attwali tieghu ghal dak gdid;

(b) fil-kaz ta' "*transfer of any installation from one premises to another*", kellu tassattivament jigi ffirmat ftehim li bih l-applikant jew *subscriber* ikun obbligat li jadempixxi ruhu mar-regolamenti;

(c) in assenza tal-ftehim hi ma kinitx allura vinkolata bir-regolamenti in kwantu ma kinitx tezisti r-rabta kontrattwali li l-istess regolamenti jesigu;

(d) konsegwentement, hi kienet obbligata thallas biss ghall-uzu tas-servizz adoperat minnha;

Dan premess juri, fil-fehma tal-Qorti, illi s-socjeta` attrici ma rnexxilhiex tipprova, kif hekk kien inkombenti fuqha, illi

ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tiddemostra l-ezistenza ta’ xi relazzjoni kontrattwali kif iridu l-istess regolamenti taghha. Jista’ jinghad ghalhekk illi ghalkemm huwa veru li s-socjeta` konvenuta kienet l-utenti tas-servizz, in-nuqqas ta’ ftehim vinkolanti dwar l-istess servizz ma kienx jaghmilha, skond ir-regolamenti dwar l-operat u attivita` tas-socjeta` attrici, responsabbli ghall-kontijiet sal-mument meta s-servizz gie terminat minnha;

Ugwalment, imbaghad, gie provat mis-socjeta` konvenuta illi din kienet *a tempo debito* gharrfet lis-socjeta` attrici illi ma kinitx baqghet l-utenti tas-servizz. Is-socjeta` attrici tittrincera ruhha illi l-ittra tas-7 ta’ Ottubru 1992 ma kinitx tinsab fil-*file* taghha u dippju ma ntuzatx mis-socjeta` konvenuta l-formola solita ghall-iskop tat-*transfer* tas-servizz fuq persuna ohra;

Issa apparti l-fatt illi ghax l-ittra ma nstabitx fil-*file* ma ghandux remotament ifisser ukoll li din ma ntbaghtetx jew ma gietx ricevuta meta hu pprovat ukoll li s-socjeta` attrici rceviet ic-*cheque* mehmuz ma’ l-istess ittra, lanqas ma ghandu ghall-fatt illi l-informazzjoni ma nghatatx fuq il-formola appozita jfisser illi allura l-kontenut ta’ l-ittra jigi injorat. *Multo magis*, imbaghad meta bhal f’ dan il-kaz is-socjeta` konvenuta ma kinitx marbuta mir-regolamenti;

Din il-Qorti temmen li din l-ittra ntbaghtet u waslet fid-destinazzjoni taghha fejn x’ aktarx intilfet. Mill-prova tar-ricezzjoni tac-*cheque* hemm il-prova ndizzjarja li din waslet u allura wkoll il- “*presumptio vel facti*”. Wara kollox hu ben risaput illi s-socjeta` attrici hi organizzazzjoni kbira u mhix immuni ghall-accidenti tal-hajja, kif ma humiex lanqas socjetajiet u ghaqdiet ohra kbar u serji bhala;

Wara li rriflettiet sew fuq dan il-kaz u wara li qieset mill-ahjar li setghet il-provi u c-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti ma tarax illi s-socjeta` attrici ddisimpenjat adegwatament l-“*onus probandi*” fil-konfront tas-socjeta` konvenuta;

Kwantu ghall-imsejjah fil-kawza jigi notat illi s-socjeta` attrici li sejhitlu fil-proceduri ma ghamlet l-ebda sottomissjoni fir-rigward tieghu, tant li fin-Nota taghha kompliet ssostni illi hi s-socjeta` konvenuta li ghandha twiegeb ghall-hlas. Jidher li s-socjeta` attrici adottat dan l-atteggjament ghar-raguni illi ma kienx possibbli ghaliha illi di fronte ghall-kjamat fil-kawza tinvoka s-setgha tar-regolamenti taghha gjaladarba, kif hekk jirrizulta bil-wisq ovvju, dan ma kienx s-*subscriber* rikonoxxut tal-linja tat-*telephone de quo* u dan qatt ma ndahal f' rabta guridika maghha. Il-fatt li dan, kif accettat minnu, hallas xi kontijiet ma ghandu l-ebda rilevanza ghall-kaz in kwantu hu rikonoxxut mill-istess ligi [Artikolu 1148(2) tal-Kodici Civili] illi hu validu l-hlas li jsir minn terza persuna li ma jkollhiex interess fl-obbligazzjoni meta din tagixxi f' isem u ghall-helsien tad-debitur (**Kollezz. Vol. XLIX P II p 681**);

Raggunta din il-konkluzjoni, mhux allura l-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni nvokata mill-kjamat fil-kawza. Preskrizzjoni din li f' kull kaz ma jidherx li setghet in korrelazzjoni mal-perijodu tal-hlas reklamat tircievi pjena akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi in bazi ghall-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, tichad it-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta u ta' l-imsejjah fil-kawza, bl-ispejjez gudizzjarji jigu sopportati minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------